MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 220/2004

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

Peress illi l-attrici zzewget lill-konvenut nhar it-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elf disa mija tmienja u sebghin (1978) kif jirrizulta minn certifikat taz-zwieg li qed jigi hawn anness u markat bhala dokument ittra A;

Peress li l-kunsens ta' l-attrici ghal dan iz-zwieg kien gie miksub bi vjolenza morali jew biza;

Peress li l-kunsens ta' l-attrici u tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju

fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

U peress li l-kunsens ta’ l-attrici u tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U peress li l-attrici, ghalkemm ma kienetx interdetta jew marida b’ mohha ma kelliex fiz-zmien meta sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja setghat intelletwali u rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

U peress illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini u tenur ta’ l-artikolu 19(1)(a) u/jew (d) u/jew (f) u/jew (h) ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975 li jirregola z-zwigijiet;

Jghid ghalhekk, il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:-

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett fil-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramnetata ta’ l-attrici u l-lista tax-xhieda ;

Rat li l-konvenut debitament ingunt baqa’  kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-8 ta’ Lulju 1978 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali taghha huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][d][f] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Lulju 1978 meta allura l-attrici kellha 16-il sena u l-konvenut kellu 21 sena, u meta kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin ftit aktar minn sentejn. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett-it tfal li llum ghandhom 27, 22 u 15 il-sena. Wara konvivenza ta' circa 25 sena l-attrici ddecidiet li titlaq mid-dar konjugali u fis-sena 2002 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni. Illum il-gurnata l-partijiet jghixu mal-partners rispettivi taghhom.

Il-versjoni attrici hija fis-sens li meta zzewwget hi kienet ghadha zghira u immatura u ma kienitx taf ghal xhiex kienet diehla. Hija tghid li kienet izzewwget minhabba pressjoni maghumla fuqha minn missierha, u wkoll sabiex tehles mis-sikatura kbira li missierha kien jissoggettaha ghaliha. Hija tghid li missierha kien qallha 'jehtieg li tiehu decizjoni, jew tizzewweg jew ma tibqax mieghu'[1] u l-attrici accettat li tizzewweg lill-konvenut, mhux ghax kienet thobbu izda sabiex takkwista l-liberta'.

Minn naha tieghu l-konvenut jghati stampa differenti hafna minn dik moghtija mill-attrici. Huwa jghid li mhuwiex minnu li kien hemm sikkatura kbira minn missierha, tant li huma bhala namrati u gharajjes kienu tas-spiss johorgu wahedhom u kienu jdumu barra sa l-10.00 pm bhala massimu. Huwa cahda li kien hemm xi forma ta' pressjoni fuqu da parti ta' missierha biex jizzewweg, u jghid li "aktar hi kienet herqana biex naghmlu dan il-pass".[2]

Il-konvenut jkompli jispjega li matul il-konvivenza matrimonjali ma kienx hemm problemi jew inkwiet serju, u l-inkwiet inqala' wara circa 24 sena taz-zwieg meta l-attrici kienet marret ghal btala Tunez u hemm dahlet f' relazzjoni extra matrimonjali li eventwalment wasslet ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg. Hija ghadha tghix ma' dan is-sieheb taghha sallum u ghandha tarbija minnu.

[1] Fol.61
[2] Fol.94

Illi din il-Qorti, wara ezami tal-provi hija propensa li tghati affidament lill-versjoni tal-fatti kif esposti mill-konvenut. Il-konvivenza twila bejn il-koppja arrikkita bi tlett-it tfal spazjati b’ intervalli ta’ zmien relevanti, tati konfort lit-tezi tal-konvenut li fiz-zwieg bejn il-partijiet, ghal zmien twil ma kienx hemm problemi serji li jirrisalu ghaz-zmien tal-kontrattazzjoni taz-zwieg.

Illi rigward il-kawzalijet li fuqhom l-attrici qed isserrah id-domanda taghha, huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet:-

[1] *Vis et metus* – In tema legali huwa relevanti dak osservat mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza *App.C. C D vs George D [Vol.LXXXV.II.81]* b’ referenza ghall-esposizzjoni dottrinali maghmula fis-sentenza *PA Carmel Camilleri vs Teresa Camilleri deciz fit -3 ta’ Ottubru 1995* li: Biex il-kunsens matrimonjali jkun ivvizjat bil-vjolenza jew bil-biza’ fis-sens tal-ligi jehtieg li dik il-vjolenza jew biza tkun tali li mhux biss akkumpanjat il-kunsens, izda iddeterminat kompletament l-ghoti ta’ dak il-kunsens. Il matrimonio e’ nullo se si celebra per timore, e non e nullo se si celebra con  timore [Bersini]. Il-biza trid tkun ta’ certu portata b’ mod li tkun tista’ tidditermina kompletament l-ghoti tal-kunsens. Jehtieg ghalhekk li jigu ezaminati l-fatti u c-cirkostanzi kollha, sew dak li pprecedew iz-zwieg kif ukoll dawk aktar vicin u qrib id-data taz-zwieg.

Fil-kawza *PA[PS] Denise Borg vs Christopher Borg deciza 21 ta’ Ottubru 2002* gie osservat li biex il-vjolenza morali tivvizja l-kunsens jehtieg li din tahkem fuq persuna ragjonevoli, u ggieghlha tibza’ li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqegheda ghal xejn b’ xejn f’ perikolu ta’ hsara kbira [Art.978[1]. Fi kliem iehor il-pressjoni jew vjolenza jehtieg li jkunu determinanti, ingusti u gravi. Fil-valutazzjoni, imbaghad, tal-kriterji tal-vjolenza ghandhom hjigu mehuda in konsiderazzjoni l-eta’, is-sess u l-kondizzjoni tal-persuna [Art.978[2]. It-termini “pressjoni” u “vjolenza” huma ekwipollenti ghal xulxin gjaladarba jista’ jkollok vjolenza meta jkun hemm pressjoni gravi u ndebita [*App.Emanuel Falzon vs Anthony Farrugia – 21.04.1997*]

Hemm pressjoni jew vjolenza li jivvizjaw il-kunsens meta dawn jirriflettu u jinfluwixxu fuq il-kondizzjoni mentali tal-persuna tant li din ma tkunx libera li taghzel u taghmel dak li tixtieq, u biex tevita l-minaccja ta' dannu gravi, taghzel u taghmel dak li jiddetalha jew jrid haddiehor.

Tibqa' pero dejjem fil-prudenza tal-gudikant fuq il-provi akkwiziti, l-indagini tal-fatt dwar l-ezistenza o meno tal-vjolenza [*PA Rosario Bartolo vs Giovanni Bartolo – 14.11.1935*]. Izda ghandha tintuza cirkospezzjoni biex ma jigix facilment annullat att li invece jisthoqqlu jibqa' fis-sehh [*App.Giuseppe Trichett vs Giorgio Mangion – 22.05.1931*].

Inoltre, biex pressjoni indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe' trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. [*PA[VDG] Carmelo Saliba vs Mary Saliba – 15.08.1995*].

Illi fil-kaz in disamina dan il-*caput nullitatis* ma jikkonfigurax. Anke jekk, dato non concesso [stante r-riservi ta' din il-Qorti dwar il-kredibilita' ta' l-attrici], kellu jigi koncess li huwa minnu li missierha kien qallha li jew tizzewweg lill-konvenut jew titilqu, dan il-fatt allegat ma jidholx fil-parametri tal-kuncett ta' vjolenza jew ta' biza kif fuq delineat. Il-Qorti tosserva li ma jirrizultax li l-attrici kienet mahkuma minn biza tali li wasslitha sabiex tizzewweg lill-konvenut kontra l-volonta' taghha. Huwa qallha biex taghzel u hi ghamlet ix-xelta taghha. Inoltre, ma kienx hemm dak id-dannu gravi li qieghed fis-substrat ta' dan il-*caput nullitatis*. Il-Qorti hija konvinta li l-attrici riediet tizzewweg lill-konvenut, u tat il-kunsens matrimonjali taghha volontarjament minghajr biza' jew vjolenza esercitata fuqha.

[2] *Discretio Judicii* - Fix-xhieda taghha l-attrici tghid li hi kienet zghira hafna ghal pass li ghamlet u kienet immatura, 'ma kontx naf ghalxiex diehla u ma sibtx dak li

xtaqt fih'.[3] L-attrici ssostni li l-kunsens taghha kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tieghu.

In propositu gie osservat fil-kawza "*App.C. C D vs George D [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: "Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b' mod sostanzjali, ossia "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju – [*PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri*]. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali".

Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." [*Bersini -citat fil-kawza PA Angela D Selvaggi vs C D deciza 4.11.1994*] L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal

[3] Fol.56

komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Din il-kapacita' li jassuma dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. [*PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003*].

Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta' immaturita' ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-caput nullitatis. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta' maturita' jew edukazzjoni, izda ta' l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg [*PA Melanie Borg Cardona vs C Borg deciza 29.10.2003*]

*[vide ukoll App.C. App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006,deciza fis-27 ta' Jannar 2006, u l-awturi u kazistika hemm citati]*

L-immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni "non si referiscono ad una piena e terminali maturita', non esigono nei nubenti una conoscenza perfetta ed esaustiva di cio che comporta l-matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo- affettivo, ne' infine una conoscienza perfetta delle motivazzione della scelta matrimoniale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l' uso del termine discrezione di gudizzju, che fa riferimento ad un certo discernimento[4] ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena [*Pompedda – Il Consenso Matrimoniale, u awturi ohrjan citati fil-kawza PA Nicholas Agius vs Rita Agius deciza 25 Mejju 1995, citata fil-kawza App.C Caroline Grech vs Ian Borg deciza fis-27 ta' Jannar 2006, [2006]supra*].

Il-premess, applikat ghall-fatti tal-kaz in disamina, iwassal ghall-konkluzjoni li din il-kawzali ma tinsabx sostnuta mill-provi. Jigi osserva li, gjaladarba l-partijiet kellhom l-eta' preskritta mill-ligi biex tirrendihom legalment kapaci li jizzewwgu, allura tinholoq il-prezunzjoni li huma ghandhom dak id-*discretio judicii* necessarju ghall-validita'

---

[4] Sottolinear ta' din il-Qorti

taz-zwieg ; prezunjoni juris tantum li tista' tigi ribattuta bi provi li juru l-kuntrarju.

Fil-kaz in disamina l-Qorti tosserva li ma jirrizultax provat li qabel iz-zwieg u senjatament, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens l-attrici jew il-konvenut kienu inkapacitati minn difett serju ta' diskrezzjoni fit-termini tal-artikolu precitat. Ma rrizultax provat li kienet daqstant immatura li ma kienitx kapaci tifhem l-obbligu u d-drittijiet li l-hajja matrimonjali timporta. Ghaldaqstant din il-caput nullitatis ma tikkonfigurax.

[3] Illi rigward iz-zewg kawzalijiet l-ohra bazati fuq il-paragrafi [f] u [h] ta' l-artikolu precitat, il-Qorti tosserva li dawn ma jirrizultax sostni mill-provi, u dan b' mod manifest.  Ma jirrizultax li xi hadd mill-partijiet fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali eskluda b' att posittiv tal-volonta' tieghu z-zwieg jew obbligu essenzjali ghal hajja matrimonjali ; kif lanqas ma jirrizulta provat li f' dak il-mument l-attrici ma kellhiex s-setghat intelletwali jew rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhijex gustifikata la fil-fatt u lanqas fid-dritt u ghalhekk ser tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici ;  bl-ispejjez a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------